MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 36/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra John Zammit talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu gew magħmula b'risoluzzjoni waħda, fix-xhur ta' Ġunju 2011 u Lulju 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Khadiya Salouani u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall- ulied fi zmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il- kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi John Zammit hati u kkundannatu xahar priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' John Zammit ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien tal-ħtija a bazi tal-ammissjoni tiegħu, tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu ghal xahar priġunerija u timponi piena aktar miti u idoneja għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis ħarxa wisq. Jgħid illi huwa minnu illi naqas milli jgħaddi l-manteniment lill-*parte civile* iżda dan kien għax kien jinsab bla xogħol u m'għandux mezzi finanzjarji biex imantni lilu nnifsu. Għandu dejn mal-bank u ma' terzi. L-inkarċerazzjoni tagħmel aktar remota l-possibilita` li jsib impjieg. Nonostante ċio` huwa se jagħmel dak kollu possibbli biex fil-mori ta' l-appell iħallas il-manteniment dovut.

**6.** Effettivament fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2012 sar il-pagament opportun. L-imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura taghha, rinunzjabbli. Iżda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet xhur millum. Din il-qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------